# RAPPORT ANNWALI għas-sena 2022



KAMRA TAN-NEGOZJU
**GĦAL GĦAWDEX**

# Indiċi

1. Introduzzjoni ..... 1
2. Laqgħat ..... 2
3. Parteċipazzjoni ..... 6
4. Rispons għal diversi Konsultazzjonijiet, u Dokumenti oħra ..... 8
5. Laqgħat ta' Informazzjoni għall-Membri ..... 9
6. Youth4Entrepreneurship Gozo ..... 13
7. Proġetti b'Fondi Ewropej li fihom qed tipparteċipa l-Kamra, u Parteċipazzjoni ma' Entitajiet Oħra fuq Proġetti u Inizjattivi ta' Natura Internazzjonali ..... 15
8. Il-Proġett 'Moving Forward Together' bħala parti tal-MGOZ NGO Scheme ..... 17
9. Ftehim ta' kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra ..... 19
10. L-Aċċessibilta ..... 19
11. Sotto Kumitat għall-Propjeta Immobiljari ..... 20
12. L-Iżvilupp f'Għawdex ..... 21
13. Is-Sostenibilta' fit-Trasport ..... 21
14. INSULEUR ..... 22
15. EUROPE DIRECT ..... 25
16. Pjattaforma Diġitali u Użu tal-Midja Soċjali ..... 29
17. Ringrazzjamenti ..... 30

# 1. Introduzzjoni

Din is sena kienet sena oħra mportanti għall-Kamra tan-Negozju għal Għawdex, fejn intensifikajna x-xogħol tagħna f'diversi oqsma, nkluż il-kuntatt mal-membri tagħna. Kellna sitwazzjoni bħall-assigurazzjoni fuq it-trasport tal-mezzi tal-merkanzija perikoluża, li għadna ma wasalniex. Kien hemm sitwazzjoni li kienet tinkludi wkoll problema fuq il-liċenzjar tal-jeeps li jintużaw għat-turisti. Il-Kamra f'dan il-każ nterveniet fuq il-problema fejn intlaħqu r-riżultati mixtieqa.Problemi oħra li din is-sena l-Kamra bdiet ukoll tindirizza jinkludu l-ispejjeż tat-trasport tar-retailers u l-wholesalers, u l-provvista ta' spazju adegwat għat-trailers li jintużaw għat-trasport tal-merkanzija bejn Għawdex u Malta.

Minbarra dan, kif muri minn dan ir-rapport il-Kamra ħadet sehem attiv f'diversi konsultazzjonjiet u laqgħat, u dan mhux biss fuq livell nazzjonali imma wkoll internazzjonali. F'ambitu nternazzjonali bil-parteċipazzjoni fl-INSULEUR, il-Kamra ħadmet b'mod attiv fir-rwol tagħha tal-Presidenza biex jiġu ndirizzati l-problemi li se jinħolqu jekk il-Kummissjoni Ewropeja tibqa' għaddejja bil-proposta tagħha li tintaxxa il-fuel li jintuża għall-avjazzjoni u għall-industrija marittima. Permezz ta' position paper, li l-Kamra kellha sehem attiv fil-kitba tagħha, ġew murija l-problemi li jaffaċċjaw il-gżejjer.Dan juri li l-Kamra jista' jkollha rwol effettiv kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll internazzjonali.

Temi oħra li l-Kamra kompliet taħdem fuqhom jinkludu l-aċċessibilta u l-ambjent. Is-sitwazzjoni tal-fast ferry uriet l-importanza li l-aċċessibilta għal Għawdex qatt ma tista' teħodha for granted. Hekk kif il-livell tas-servizz tal-fast ferry mar ħafna lura l-Kamra kompliet issostni li dan huwa servizz essenzjali għal Għawdex, hekk kif Għawdex ma jistax jibqa' jiddependi fuq servizz wieħed biss għat-traġitt bejn iż-żewġ gżejjer.

L-ambjent jibqa' tema oħra mportanti għal Għawdex, u l-Kamra kienet, għadha u tibqa' konvinta li jeħtieġ pjan ħolistiku reġjonali li jindirizza l-ippjanar fil-gżira tagħna. Il-Kamra kompliet turi t-tħassib tagħha li Għawdex jiddependi b'mod ikbar minn Malta fuq il-kostruzzjoni u l-propjeta mmobiljari, u għalhekk il-ħtieġa li tiġi diversifikata l-ekonomija Għawdxija.

Saru wkoll inizjattivi bħal stħarriġ fuq l-istat tal-ekonomija Għawdxija li se jibda' jsir darbtejn f'sena, f'Jannar u f'Awwissu. Il-ħtieġa ta' dan l-istħarriġ kien essenzjali biex ikompli jagħtina stampa ċara ta' dak li hu għaddej f'Għawdex.

Dan kollu juri li l-Kamra għandha rwol importanti u kruċjali kemm fl-ekonomija kif ukoll s-soċjeta Għawdxija. Il-leħen tagħha qed ikun dejjem wieħed iktar sod. Imma huwa mportanti li l-Kamra dejjem tagħraf taqra s-sinjali taż-żmenijiet u tadatta ruħha b'mod effettiv għall-isfidi ta' żmienna, filwaqt li tagħmel it-tibdiliet organizzattivi meħtieġa biex taġġorna ruħha kontinwament.

## 2. Laqgħat

Il-laqgħat li saru matul is-sena kienu dwar temi u suġġetti differenti.Waqt li ċerti suġġetti kienu ta' darba jew ta' żmien qasir, oħrajn kienu jieħdu iktar fit-tul u d-diskussjonijiet fuqhom komplew matul is-sena kollha.

Fost dawn insibu li rappreżentanti tal-Kunsill ħadu sehem f'laqgħat ma' diversi Ministri, mal-Ministru għal Għawdex, ma' membri parlamentari, u  uffiċċjali governattivi oħra. Ta' min isemmi dawn il-laqgħat:

- Fit-18 ta' Jannar saret laqgħa ma' Dr Jeannette Axisa fejn ġiet diskussa l-possibilta li jiġi organizzat avveniment rigward kif għandhom jitnaqssu l-emissjonijiet fil-karbonju. Dan l-avveniment seħħ fit-28 ta' April 2022.

- Fl-20 ta' Jannar saret laqgħa mal-Kap Eżekuttiv tal-Awtorita' għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex Mario Borg. F'din il-laqgħa il-Kamra uriet il-ħsibijiet tagħha dwar id-direzzjoni li trid tittieħed minn din l-Awtorita'. Fl-1 ta' Frar saret laqgħa oħra ma' rappreżentanti tal-Awtorita' għall-Iżvilupp Reġjonali fejn ġiet diskussa l-possibilta li ż-żewġ entitajiet jikkolaboraw flimkien fuq attivita intiża għall-istart-ups.

- Fl-1 ta' Frar saret laqgħa ma' Anton Callus, Manager Training for Industry, fi ħdan l-MCAST.

- Fit-3 ta' Frar saret laqgħa ma' Aġenzija Żgħażagħ. F'din il-laqgħa ġew diskussi il-preparamenti għall-edizzjoni annwali tal-'Youth4Entrepreneurship Gozo'.

- Fil-1 ta' Marzu saret Laqgħa biex tiġi diskussa d-'Digital Strategic Roadmap for Tourism in the Maltese Islands 2030'. Għal din il-laqgħa rappreżentanti tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex taw ir-rispons u l-proposti tagħhom fuq l-istrateġija diġitali proposta mill-Gvern fil-qasam tat-turiżmu. Ġew diskussi diversi punti fosthom kif jista' jkun hemm involviment aħjar tas-settur volontarju, u kif tista'

tingħata l-għajnuna meħtieġa lil dan is-settur biex jirreklama l-attivitajiet tiegħu. Ġie diskuss ukoll kif f'Għawdex jistgħu jiġu ttestjati ċertu teknoloġiji ġodda li kienu qed jiġu proposti fid-dokument.



- Fil-11 ta' Marzu saret laqgħa ma' rappreżentanti tal-Aġenzija tal-Enerġija u l-Ilma biex tiġi diskussa l-implimentazzjoni tal-proġett Merċa f'Għawdex.

- Fis-26 ta' April il-Kap Eżekuttiv tal-Kamra Daniel Borg iltaqa' ma' Katarina Kubinakova u Dr John Powell mill-Universita ta' Gloucestershire. Din il-laqgħa kienet titratta propju ir-riċerka li qed issir minn dawn iż-żewġ persuni rigward il-fatturi u l-kuntest istituzzjonali li jinfluwenza l-applikazzjoni ta' approċċ innovattiv relatat mal-oġġettivi politiċi fil-qasam rurali fl-Istati Membri.

- Fit-29 ta' April rappreżentanti tal-Kamra ltaqgħu mal-Onorevoli Silvio Schembri, Ministru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u Artijiet. F'din il-laqgħa ġew diskussi: is-sitwazzjoni tal-impjiegi f'Għawdex, d-diversifikazzjoni tal-ekonomija Għawdxija, speċjalment fil-qasam tad-diġitalizzazjoni, u l-inċentivi l-ġodda li se jkollhom rati aħjar għal Għawdex. Rappreżentanti tal-Kamra pparteċipaw fit-tnedija ta' dawn l-istess inċentivi fl-10 ta' Mejju.





- Fid-29 ta' April saret laqgħa wkoll mal-Ministru tal-Finanzi l-Onorevoli Clyde Caruana. Matul din il-laqgħa ġew diskussi prinċipalment il-problemi relatati mal-iżvilupp u l-impjiegi f' Għawdex.

- Fil-25 ta' Mejju rappreżentanti tal-Kamra ltaqgħu mal-Onorevoli Andy Ellul, Segretarju Parlamentari Responsabbli mid-Djalogu Soċjali. u l-Ministru għal Għawdex L-Onorevoli Clint Camilleri, fl-uffiċini tal-Kamra. F'din il-laqgħa ġew diskussi dawn it-temi: l-ekonomija, s-sitwazzjoni tal-impjiegi, u d-djalogu soċjali.

- Fit-3 ta' Awwissu Daniel Borg attenda għal laqgħa li saret b'mod virtwali u li ġiet organizzata mill-ambaxxata ta' Malta fl-Irlanda, u l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.F'din il-laqgħa minbarra d-diversi esponenti tal-Assoċjazzjonijiet li jirrapreżentaw in-negozji, attendew ukoll esportaturi li s-suq prinċipali tagħhom jinsab fir-Renju Unit. Attendew ukoll Trade Malta, u ċ-Chartered Institute of Logistics and Transport. Fiha ġew diskussi l-problemi loġistiċi rigward it-trasport ta' merkanzija lejn l-Irlanda.

- Fil-5 ta' Awwissu saret laqgħa ma' Aniruddha Das, Charges D'Affaires, High Commissioner tal-Indja. Dik kienet laqgħa produttiva ħafna, li fiha ġew diskussi affarijiet ta' interess komuni u opportunitajiet għal Għawdex.

- Fil-5 ta' Settembru Michael Galea attenda għal laqgħa konsultattiva ma' rappreżentanti fis-settur tat-trasport.

- Fil-5 ta' Settembru Jesmond Buttigieg attenda għall-JobsPlus Business Meeting li sar f'Għawdex. Waqt din il-laqgħa annwali organizzata minn JobsPlus, ingħatat informazzjoni fuq diversi żviluppi li saru matul is-sena u ntlaqgħu ukoll suġġerimenti għall-inizjattivi li jistgħu jittieħdu minn din l-entita biex ikun jista' jitjieb iktar is-suq tax-xogħol f'Għawdex.

- Fl-14 ta' Settembru Daniel Borg u Jesmond Buttigieg ħadu sehem ukoll f'laqgħa organizzata mil-Foundation for Transport, fejn ġie diskuss l-impatt u l-isfidi li se naffaċċjaw meta EV Batteries isiru realta' aktar tanġibbli. Ġew diskussi ir-Reuse, Recycling u Disposal tal-batteriji li jintużaw fil-vetturi elettriċi. Il-laqgħa kienet indirizzata wkoll minn Dr Aaron Farrugia, Ministru responsabbli mit-Trasport.

- Fit-28 ta' Settembru saret laqgħa mal-Eċċellenza tiegħu Jean Claude Galea Mallia, Kummissarju ta' Malta għal Ghana. Matul din il-laqgħa l-Kamra esplorat il-possibilta' li tipparteċipa fi trade delegation organizzata minn Trade Malta li kienet se ssir fil-bidu ta' Jannar 2024.

- Fit-13 ta' Ottubru Daniel Borg, ipparteċipa f'isem il-Kamra fl-NSO Peer Review, eżerċizzju fejn rappreżentanti ta' entitajiet nazzjonali tal-istatistika barra minn Malta jivverifikaw ix-xogħol tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika.

- Fil-21 ta' Ottubru Daniel Borg iltaqa' mal-Kummissarju ġdid għas-Saħħa Mentali Dennis Vella Baldacchino. Fil-laqgħa ġew diskussi l-inizjattivi meħuda mill-Kamra fil-qasam tas-saħħa mentali u x'jista jsir minn naħa tal-Kamra biex tippromwovi s-saħħa mentali f'Għawdex.

- Fil-31 ta' Ottubru Daniel Borg ipparteċipa f'laqgħa ta' aġġornament rigward il-Private Sector Buildings Grant flimkien ma' rappreżentanti tal-Ministeru tal-Ekonomija, Fondi Ewropej u Art.

- Fl-4 ta' Novembru Daniel Borg ipparteċipa wkoll f'focus group għall-iskop tan-National Productivity Report. Dan l-eżerċizzju ġie mmexxi minn Dr Jonathan Spiteri fi ħdan l-Univerżita ta' Malta.

- Fid-9 ta' Diċembru rappreżentanti tal-Kamra ltaqgħu mas-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Ekonomija, Fondi Ewropej u Artijiet Ronald Mizzi, u Mark Camilleri, Direttur fi ħdan l-istess Ministeru. F'din il-laqgħa ġew diskussi diversi proposti tal-Kamra, kif ukoll l-ispejjeż tar-retailers u l-wholesalers fil-qasam tat-trasport u kif dawn jistgħu jiġu mgħejjuna. Problema oħra li ġiet diskussa kienet titratta in-nuqqas ta' spazju adegwat biex jiġu pparkjati trailers f'Għawdex.

Laqgħat oħra importanti kienu dawn:

- Fit-23 ta' Ġunju Daniel Borg irrapreżenta lill-President tal-Kamra Joseph Borg fl-Assembleja Ġenerali tal-OTIE (Observatory on Tourism for Islands Economy). Il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex għandha siġġu fuq il-Bord tad-Diretturi. F'din l-assembleja ġie diskuss il-programm tal-OTIE għas-sena li ġejja, filwaqt li ngħatat ukoll preżentazzjoni fuq il-ħidma li saret.

- Fit-2 ta' Settembru saret laqgħa ma' rappreżentanti ta' Deloitte biex tiġi eżaminata l-possibilita ta' kollaborazzjoni bejn iż-żewġ entitajiet.

- Fl-20 ta' Settembru saret laqgħa ma' Dr Peter Gatt, President tal-Malta Chamber of Geologists. Matul din il-laqgħa saru diskussjonijiet fuq kif iż-żewġ entitajiet jistgħu jikkolaboraw flimkien fuq temi ta' interess komuni.

Ir-rappreżentanti tal-Kamra attendew ukoll regolarment għal-laqgħat tal-MCESD; tal-Gozo Regional Committee; tal-Gozo Action Group Foundation; tal-Joint Stakeholders Working Committee; tal-Monitoring Committee Operational Programme 1 u Operational Programme 2; u tal-Enterprise Consultative Council; u l-Bord tal-Awtorita' għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex.

F'dawn il-fora il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex dejjem sabet għajnuna siewja minn diversi uffiċjali f'dawn l-entitajiet filwaqt li dejjem wasslet il-messaġġ tagħha favur in-negozji Għawdxin u s-sitwazzjoni speċifika ta' Għawdex.

## 3. Parteċipazzjoni

Barra minn dawn il-laqgħat imsemmija, il-Kamra ħadet parti attiva f'diversi konferenzi, seminars u laqgħat ta' nformazzjoni  u konsultazzjoni organizzati minn entitajiet oħra.

Fost dawn attendejna: laqgħa organizzata mill-Awtorita' għall-Iżvilupp Reġjonali għal Għawdex dwar 'EU Funding Opportunities Roadmap for Gozo' (24 ta' Frar); 'National Productivity Board Business Breakfast' fejn ġie mniedi r-rapport annwali tan-National Productivity Board (22 ta' Frar); 'MCAST Meets Industry – Thematic Round Table Series' (25 ta' April), 'JAYE Final Awards Ceremony' (14 ta' Mejju); 'Re-Powering EU-Energy Stakeholders Meeting' (25 ta' Mejju); Konferenza Stampa fuq il-Fondi ta' Rkupru u Reżiljenza (13 ta' Ġunju); Avveniment organizzat mill-Kummissjoni Ewropeja fuq in-Next Generation EU  (15 ta' Ġunju); 'E-Bussed Stakeholder Final Dissemination Event'  (21 ta' Ġunju); 'Energy Efficiency in SMEs' (Leap4SME Training and Observatory), organizzata mill-Energy and Water Management Agency (21 ta' Ġunju); 'Enabling Shift towards Sustainable Transport Modes', organizzat minn Transport Malta (6, u 13 ta' Lulju); 'National Enterprise Support Business Awards' (6 ta' Lulju); focus group organizzat minn SEDQA dwar 'Substance Misuse Policy'(25 ta' Lulju); laqgħa organizzata mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika fejn fiha ġie ppreżentat ir-rapport preliminari dwar iċ-ċensiment tal-popolazzjoni (1 ta' Awwissu); 'Oxford Economics Business Conference' (14 ta' Settembru); Laqgħa organizzata mill-Ministeru għall-Ambjent, Enerġija u Intrapriża rigward 'Sustainable Mobility – Modal Shift'  (23 ta' Settembru); Laqgħa Konsultattiva mal-istakeholders organizzata mill-Environment Resources Authority rigward l-istrateġija nazzjonali għall-ambjent 2050 (29 ta' Settembru); Seminar – Grupp Flimkien Naslu (30 ta' Settembru); il-Konferenza 'EY-Panthenon – Malta Future Realised'  (18 ta' Ottubru); it-tnedija tal-votazzjoni għar-Regio Stars Video Awards (20 ta' Ottubru); Covenant of Mayors: 'Developing SECAPS for Local Councils' (25 ta' Novembru); il-Konferenza organizzata mil-MCAST 'Perceptions or Reality. Which skills are employees missing?' (6 ta' Diċembru).

Membri tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex ipparteċipaw ukoll fi gruppi konsultattivi organizzati mill-Awtorita għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex (GRDA Stakeholder Consultative Groups).

Bejn it-12 u l-14 ta' April Daniel Borg u Michael Galea irrappreżentaw lill-Kamra tan-Negozju għal Għawdex fl-Irlanda fuq proġett tal-Gozo Action Group Foundation li kien jittratta 'Wellbeing in Nature'. Huma kellhom l-opportunita' li jagħmlu numru ta' site visits fuq kif fil-peninżula ta' Inishowen qed jiżviluppaw il-prodott turistiku tagħhom.

Bejn it-12 u s-16 ta' Settembru Joseph Borg u Michael Galea ppartecipaw fuq żjara simili fil-Finlandja fejn kellhom ukoll l-opportunita li jagħmlu numru ta' site visits.

Waqt focus group tal-'Local Enterprises Interreg Italia - Malta BioBlu Project' il-Kap Eżekuttiv tal-Kamra Daniel Borg ta preżentazzjoni fuq 'Making our Businesses Plastic Free'. Minbarra li ta informazzjoni fuq ir-rwol tal-Kamra, Daniel ta informazzjoni fuq il-benefiċċji li wieħed jagħmel ambjent fin-negozju tiegħu li huwa plastic free, kif ukoll fuq l-inizjattivi mnedija fuq skala nazzjonali.

Fid-29 ta' April Daniel Borg ta preżentazzjoni lill-istudenti li qed isegwu l-Unit 'Policy in Business' fi ħdan id-Diploma in Commerce li qed jiġi offrut fiċ-Ċentru tal-Universita ta' Malta f'Għawdex. Il-preżentazzjoni kienet titratta r-rwol tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex u l-importanza tagħha fil-kuntest istituzzjonali u ta' governanza fil-gżira ta' Għawdex.

Fil-25 ta' Mejju l-Kap Eżekuttiv Daniel Borg ta preżentazzjoni fuq l-ekonomija Għawdxija u d-diversi aspetti tagħha f'seminar organizzat mill-Gozo Action Group Foundation fit-teatru Astra. Il-preżentazzjoni kienet indirizzata lil delegazzjoni mill-proġett 'Well Being from Nature', li fih bħalissa qed jippartecipa il-Gozo Action Group Foundation.

Matul is-26 u s-27 ta' Mejju saret il-laqgħa tal-Greening the Islands Observatory f' Għawdex. F'din il-laqgħa ppartecipaw stakeholders ewlenin fl-oqsma li ġew diskussi, prinċipalment l-enerġija, l-mobilita', l-iskart, u l-agrikoltura. Joseph Borg, Michael Galea, Daniel Borg, u Thomas Xerri ppartecipaw u taw il-kontribut tagħhom f'dawn il-laqgħat li baqgħu għaddejjin fuq medda ta' jumejn u fejn fihom ġiet ippreżentata s-sitwazzjoni attwali, u kif ukoll soluzzjoni li jistgħu jinstabu għall-problemi identifikati.

Fis-26 ta' Ottubru Daniel Borg ippartecipa f'panel bħala kelliem f'konferenza organizzata mill-MITA fuq Cybersecurity. Flimkien ma' kelliema oħra hu ttratta s-suġġett tas-cybersecurity u l-impatt tiegħu fuq in-negozju.

Fit-23 ta' Novembru Daniel Borg ħa sehem f'panel ta' diskussjoni dwar it-tranżizzjoni tan-negozji għall-e-commerce fl-okkażżjoni tat-tnedija ta' 'Malta Diġitali'.

Fid-9 ta' Diċembru Daniel Borg u Jesmond Buttigieg intervenew fil-konferenza organizzata mis-CRPD 'The Issues that most affect us: A discussion on disability rights in Gozo'.

## 4. Rispons għal diversi Konsultazzjonijiet, u Dokumenti oħra

Matul l-2022 il-Kamra kienet attiva ħafna biex tagħti r-rispons tagħha fuq diversi konsultazzjonijiet maħruġa mill-Gvern, u mill-Kummisjoni Ewropeja. Ġew ifformulati dawn id-dokumenti li uħud ġew ukoll ippublikati fuq is-sit elettroniku tal-Kamra:

- Fil-25 ta' Jannar l-Kamra tat ir-rispons tagħha għad-dokument ta' konsultazzjoni rigward 'A Digital Strategic Roadmap for Tourism in the Maltese Islands'.

- Fit-8 ta' Marzu l-Kamra ppublikat id-dokument 'Gozo as an Important Contributor to the Maltese Economy' bil-proposti tagħha għal-leġiżlatura tal-2022-2027. Dawn il-proposti intbagħtu lill-partiti li kienu qed jikkontestaw l-Elezzjoni Ġenerali tal-2022 u kienu jitrattaw: (a) l-aċċessibilta'; (b) l-ambjent; (c) proġetti nfrastrutturali essenzjali għal Għawdex; (d) d-diġitalizzazjoni; u (e) t-turiżmu.

- Fis-27 ta' Mejju il-Kamra tat ukoll ir-rispons tagħha għall-konsultazzjoni dwar il-'Gozo Rural Airfield.'

- F' Awwissu l-Kamra ppublikat id-dokument tagħha tal-Baġit intitolat 'Resilience, Sustainability, and Recovery'. Il-proposti mresqa mill-Kamra kienu jitrattaw: l-impjiegi f'Għawdex, l-ambjent, l-aċċessibilita', u l-infrastruttura. Dan id-dokument intbagħat lill-iktar entitajiet importanti li jridu jimplimentaw inizjattivi li għandhom x' jaqsmu ma' Għawdex.




- Fl-4 ta' Novembru l-Kamra ppublikat u tat ir-rispons għad-dokument dwar l-istrateġija nazzjonali tal-ambjent 2050.

- F'Marzu u f'Settembru l-Kamra tat ukoll ir-rispons tagħha rigward ir-reviżjonijiet proposti fil-'General Block Exemption Regulation', u d-'De Minimis Aid.'

## 5. Laqgħat / Informazzjoni għall-Membri

Il-Kamra baqgħet iżżomm il-membri tagħha infurmati billi kontinwament tgħaddilhom tagħrif li tirċievi regolarment.

Barra minn hekk, matul is-sena ġew organizzati diversi laqgħat ta' informazzjoni. Dawn kienu organizzati flimkien ma' diversi Ministeri u entitajiet oħra pubbliċi kif ukoll mal-isponsor tal-Kamra l-Bank of Valletta. Il-Laqgħat organizzati kienu dawn segwenti:

- **Digital Payment Solutions for Businesses.** Dan kien it-titlu tal-ewwel webinar matul l-2022 li ġie organizzat fil-4 ta' Frar. L-iskop ta' dan il-webinar kien li jkompli jippromwovi l-pagamenti diġitali. Matul il-pandemija tal-COVID-19 ħarġet l-importanza li l-kumpaniji jintroduċu proċessi diġitali. Għalhekk il-Kamra kompliet taħdem iktar fuq dan l-aspett. Minbarra f'hekk fl-1 ta' Jannar 2022 daħlet fis-seħħ Direttiva 19 tal-Bank Ċentrali ta' Malta fejn daħlu diversi limitazzjonijiet fuq l-użu taċ-ċekkijiet, u tat il-possibilta' lill-Banek li jagħtu wkoll pieni amministrattivi meta ċ-ċekkijiet ma jkunux skont il-kriterji mniżżlin f'din id-Direttiva. Tonia Naudi, Head Multi-Channel and Payment Business tal-Bank of Valletta kienet il-kelliema prinċipali fuq dan il-webinar.



- **Business Incentives for Gozitan based Enterprises.** Dan il-webinar li sar fit-8 ta' April iddiskuta nċentivi li huma speċifiċi għall-intrapriżi li huma stabbiliti f'Għawdex, jew li minn natura tagħhom huma iktar adattati għall-kuntest Għawdxi. Il-kelliema prinċipali għal dan il-webinar kienu Anthony David Gatt (Head of External Communication) minn naħa ta' Malta Enterprise, Ronald Sultana (Direttur Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku) minn naħa tal-Ministeru għal Għawdex, u Ruth Genovese (Senior Manager Business Development) minn naħa tal-Bank of Valletta.




- **Is Carbon Free Transport Possible for Gozo? The Contribution of the Business Sector.** F'dan il-webinar, li sar fit-28 ta' April ġew diskussi l-possibiltajiet dwar transport sostenibbli f'Għawdex, u x'jista' jkun il-kontribut tas-settur tan-negozju f'dan il-qasam. Kelliema għal dan l-avveniment kienu jinkludu Jeannette Axisa, Direttur Ġenerali tal-Fundazzjoni tat-Trasport, kif ukoll Roman Dojcik (European Investment Bank), Daniela Burlo, u Michel Ganado (Price Waterhouse Cooper), Ing. Patrick Spiteri Staines (Konsulent), u Mark Scicluna Bartoli (Bank of Valletta). Dan il-webinar sar f'kollaborazzjoni mal-uffiċċju tal-EUROPE DIRECT fi ħdan il-Kamra.




- **Business Enhance Grant Schemes.** Waqt dan il-webinar li sar fit-8 ta' Awwissu 2022, ġew diskussi il-miżuri offruti mil-Measures and Support Division speċjalment dawk offruti taħt il-fond ta' Rkupru u Reżiljenza. Dawn tal-aħħar kienu jinkludu tlett skemi: l-SME Digitalisation Grant Scheme, id-Digital Intensification Grant Scheme, u r-Renovation of Private Sector Buildings Grant Scheme, li kienu jinkludu wkoll persentaġġi iktar għoljin għall-kumpaniji stabbiliti f' Għawdex. Din il-preżentazzjoni saret minn Claude Sammut, Direttur Ġenerali fi ħdan il-Measures and Support Division. Saret ukoll preżentazzjoni minn Mark Scicluna Bartoli (Bank of Valletta), fuq kif dawn l-iskemi jistgħu jiġu kkumplimentati permezz ta' self mill-Bank.



- **Development and Self Interest. A Local and International Perspective.** Din il-konferenza li seħħet fl-20 ta' Ottubru ġiet organizzata mill-Kamra tan-Negozju għal Għawdex b'kollaborazzjoni mal-Fundazzjoni Centesimus Annus Pro Pontifice, il-Bank of Valletta, u d-Djoċesi ta' Għawdex. Din il-konferenza saret b'mod hybrid mis-Seminarju Maġġuri fir-Rabat Għawdex. Il-kelliem prinċipali kien il-Perit Daniel Darmanin, President tal-Kummissjoni Ġustizzja u Paċi. Kelliema oħrajn kienu jinkludu Dr Gordon Cordina, Ċermen tal-Bank of Valletta, Anthony Zammit, rappreżentant tad-Djoċesi ta' Għawdex fuq il-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent, u l-Professur Simone Borg, l-ambaxxatur ta' Malta għat-tibdil fil-Klima. Din il-konferenza ġiet imxandra fuq diversi midja inkluż il-paġna Facebook ta' Newsbook.




Kull attività organizzata mill-Kamra ġiet milqgħuha tajjeb mill-komunità kummerċjali u anke mill-komunita' Għawdxija in ġenerali.

Ta' min jinnota li l-Kamra ma talbet l-ebda ħlas jew rekwiżit li wieħed ikun membru tal-organizzazjoni biex jipparteċipa f'dawn is-seminars jew webinars. Dan minħabba l-fatt li l-Kamra temmen li għandha tassisti l-komunita kummerċjali u lill-komunita' in ġenerali, biex tkabbar l-għarfien fuq numbru ta' aspetti kummerċjali u soċjali li huma ta' benefiċċju għal kulħadd.

# 6. Youth4Entrepreneurship Gozo




Għal dan l-avveniment li sar fil-11 ta' Novembru, il-Kamra kkollaborat mal-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Negozji Żgħar, bħala parti mill-attivitajiet tal-SME week, kif ukoll mal-uffiċċju tal-EUROPE DIRECT Gozo, Bank of Valletta, Aġenzija Żgħażagħ u l-Awtorita' għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex. It-tema prinċipali ta' din is-sena kienet is-sostenibilta u soluzzjonijiet għal kif jista' jiġi kombattut it-tibdil fil-klima.

L-edizzjoni ta' din is-sena tħabbret f'Mejju waqt l-attivita' tal-'Youth4Climate Change' organizzata għaż-żgħażagħ, mill-uffiċċju tal-EUROPE DIRECT fi ħdan il-Kamra.

Saru tlett sessjonijiet preparatorji (20 ta' Awwissu, 3 ta' Settembru, 27 ta' Ottubru) li fihom minbarra t-taħriġ mogħti minn Aġenzija Żgħażagħ, ingħataw ukoll preżentazzjonijiet minn Ramona Mercieca (Globe) fuq it-tibdil fil-klima, u Matthew Caruana (JAYE Foundation) rigward is-sostenibilta' u l-ippjanar finanzjarju. Marthese Cassar li kienet rebħet din il-kompetizzjoni fis-snin ta' qabel, u Marlon Grech (Thynk Software) qasmu l-esperjenzi tagħhom ukoll ma' dawk preżenti.





Żgħażagħ bejn is-16 u l-35 sena kellhom l-opportunita li jippreżentaw ideja innovativa li għandha x' taqsam ma' Għawdex quddiem panel ta' esperti.

L-iskop kien li l-Kamra tinkoraġixxi iktar żgħażagħ li jaqbdu t-triq tan-negozju u li dan jista' jseħħ f'Għawdex. L-iskop ewlieni imma huwa li tgħin iż-żgħażagħ irabbu l-kunfidenza neċessarja ħalli huma jesponu l-idejat tagħhom.

Ir-rebbieħa għal din is-sena kienu il-Victoria Scout Group bil-proġett tagħhom 'Sustainable Black Powder'.

Waqt l-avveniment li sar fil-11 ta' Novembru ġie mħabbar ukoll li l-Kamra se tkun qed tgħin lill-istart-ups billi tagħtihom membership b'xejn għal perijodu ta' tlett snin. L-istart-up ma tridx tkun ilha li bdiet topera iktar minn 5 snin. Iktar dettalji fuq din l-iskema se jiġu mħabbra fl-2023.









# 7. Proġetti b'Fondi Ewropej li fihom qed tipparteċipa l-Kamra, u Parteċipazzjoni ma' Entitajiet Oħra fuq Proġetti u Inizjattivi ta' Natura Internazzjonali

Din is-sena wkoll il-Kamra kompliet tippartеċipa fi proġett ieħor iffinanzjat minn fondi tal-Unjoni Ewropeja intitolat MAESHA (deMonstration of smArt and flExible solutions for a decarboniSed energy future in Mayotte and other European islAnds). Dan il-proġett beda fl-1 ta' Novembru tal-2020 u huwa parti minn Horizon 2020 li huwa l-programm ta' fondi marbuta mar-riċerka u l-innovazzjoni għall-perijodu 2014-2020. Permezz ta' dan il-proġett se jiġu studjati inizjattivi li għandhom x'jaqsmu mas-sostenibilta u kif dawn jistgħu jiġu mplimentati f'Għawdex. Din il-ħidma tikkumplimenta x-xogħol li qed isir minn naħa tal-Greening the Islands Observatory fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u li qed jiġi kkordinat mill-Awtorita' għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex, u kif ukoll l-inizjattiva meħuda mill-istess Awtorita' biex isir mudell tas-sistema enerġetika ta' Għawdex. Matul din is-sena il-Kamra ppartеċipat fil-project meetings kollha li saru. Fit-22 ta' Ġunju rappreżentant tal-Kamra ppartеċipa f'webinar dwar is-sigurta' u l-immaniġġjar tal-privatezza. Fis-6 u s-7 ta' Lulju Dr Stephen Abela, f'isem il-Kamra, ippartеċipa b'mod virtwali fil-laqgħa ta' reviżjoni tal-proġett li saret f' Berlin.

Bejn il-15 u s-17 ta' Novembru Daniel Borg, u Dr Stephen Abela ppartеċipaw fiżikament fil-laqgħa li saret f' Mayotte tal-Proġett MAESHA.F'dawn il-jiem apparti l-laqgħat li fihom ġie diskuss l-istatus tal-proġett, saru wkoll żjajjar tekniċi li kienu jitrattaw is-sistema enerġetika ta' Mayotte.





Fis-7 ta' Diċembru saret l-ewwel laqgħa ta' work programme 10 taħt dan il-proġett, li fih il-Kamra se jkollha sehem attiv. Daniel Borg u Dr Steve Abela ppartеċipaw f'din il-laqgħa, fejn saret preżentazzjoni mit-tnejn li huma fuq is-sitwazzjoni tal-enerġija f'Għawdex.Ġew diskussi wkoll il-passi li jmiss, inkluż data li trid tinġabar bħala parti minn dan il-proġett.

Il-Kamra qegħda tipparteċipa wkoll fuq proġett tal-LEADER flimkien ma'entitajiet oħra. Permezz ta' dan il-proġett ġie ppreparat sit elettroniku li minbarra li jagħti nformazzjoni fuq Għawdex, jagħti l-possibilita lill-entitajiet kummerċjali u għaqdiet volontarji biex jippromwovu is-servizzi tagħhom.

Fid-29 u t-30 ta' Lulju 2022 saru żewġ business seminars li fihom ngħatat informazzjoni fuq kif se tkun taħdem il-pjattforma diġitali 'Timeline Gozo'.Negozji u għaqdiet mhux volontarji ġew mistiedna jieħdu sehem, u fihom ġie provdut input pożittiv ta' kif is-sistema tista' tkun aħjar





Fit-30 ta' Settembru 2022 ġiet imnedija l-pjattaforma digitali.F'dan l-avveniment saret il-preżentazzjoni mill-Ing Ruben Curmi (Harbour Solutions) li kienet titratta l-utilita ta din il-pjattaforma u anke ngħataw xi eżempji ta kif taħdem din is-sistema fejn tagħti informazzjoni speċifika marbuta ma' perijodu partikolari. Fiorella Pace mexxiet panel magħmul minn Michael Galea (Viċi-President tal-Kamra), Yosef Magro (Manager GAGF), Mario Borg (Kap Eżekuttiv tal-Awtorita' għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex) u James Buttigieg (President Banda Mnarja).










Il-Kamra qegħda tipparteċipa wkoll fi proġett mal-Awtorita' għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex, fejn qed tingħata assistenza teknika mil-Clean Energy for EU Islands Secretariat. Permezz ta' din l-inizjattiva qed tiġi mmudellata s-sistema tal-enerġija ta' Għawdex. Dan huwa mportanti biex 'il quddiem wieħed jara l-potenzjal ta' iktar enerġija rinnovabbli.

Il-Kamra applikat ukoll għall-proġett ieħor 'Dnomads' taħt il-fondi interregjonali. L-iskop ta' dan il-proġett hu li jistudja l-potenzjal tad-Digital Nomads għall-Għawdex, anki fuq l-isfond tal-esperjenzi ta' pajjiżi oħra f'dan il-qasam.

## 8. Il-Proġett 'Moving Forward Together' bħala parti tal-MGOZ NGO Scheme

Matul l-2022 l-Kamra attwat il-proġett 'Moving Forward Together' taħt l-MGOZ NGO Scheme li ġie magħżul bħala wieħed mill-proġetti ta' din is-sena wara li l-Kamra tefgħet l-applikazzjoni tagħha taħt din l-iskema.

Permezz ta' dan il-proġett saret: (a) Kampanja ta' Marketing li l-għan tagħha kien li jiżdied l-għarfien dwar il-Kamra u r-rwol tagħha u b'hekk iktar negozji jiġu mħajra jidħlu membri; (b) ġiet imxandra b'mod awdjo viżiv il-Konferenza dwar l-Etika fin-Negozju; u (c) kif ukoll inxtara tagħmir elettroniku li hu neċessarju għall-ħidma tal-Kamra.





ETHICS IN
GBC




MAKE YOUR voice HEARD
The Chamber has always been there to listen to its members and where necessary voice their concerns with the respective authorities. GBC has during its existence worked hard to keep small and medium enterprises in operation during times of difficulty such as COVID.
ELAINE CAMILLERI
Tax Advisor and Compliance Specialist
GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR GOZO
GBC
This initiative is being supported by the Ministry for Gozo NGO Assistance Scheme, a funding programme for Voluntary Organisations on the island of Gozo.




MAKE YOUR voice HEARD
All businesses, even the smallest self-employed person, can have day-to-day issues that can be shared and solved by discussing them at such a strong entity as the GBC.
ANDREW ZAMMIT
Director District Homes
GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR GOZO
GBC




MAKE YOUR voice HEARD
I do recommend that all local businesses become members of the Gozo Business Chamber so they are kept informed with anything that is happening on the island of Gozo.
MARIE GRECH
Gozo Director Frank Salt Ltd
GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR GOZO
GBC
This initiative is being supported by the Ministry for Gozo NGO Assistance Scheme, a funding programme for Voluntary Organisations on the island of Gozo.




MAKE YOUR voice HEARD
Based on past performances, I fully trust the GBC to keep working tirelessly to sustainably safeguard Gozo's business community.
THOMAS XERRI
Managing Director Xerri's Garden Centre
GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR GOZO
GBC

# 9. Ftehim ta' kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra

Fl-10 ta' Ġunju saret laqgħa ma tlett rappreżentanti tal-Malta Chamber of Construction Management, il-President Jesmond Chetchuti, ir-responsabbli għal Għawdex Edward Howell, u l-membru tal-istess organizzazjoni Ġorġ Borg. Ġie diskuss il-mod ta' kif iż-żewġ entitajiet jistgħu jikkolaboraw flimkien.

Fit-2 ta' Settembru ġie ffirmat il-ftehim bejn l-Malta Chamber of Construction Management u l-Kamra. L-għan prinċipali ta' din il-kollaborazzjoni hu li s-settur tal-kostruzzjoni jiġi mgħejjun biex ikun iktar professjonali.

Matul din is-sena sar ix-xogħol ukoll fuq kollaborazzjoni ma' Seed Consultancy. Permezz ta' din il-kollaborazzjoni għandu jsir studu biex jiġi eżaminat l-potenzjal fil-qasam diġitali tal-ekonomija Għawdxija. Din il-kollaborazzjoni għandha tiġi definita fl-2024.

Fl-aħħar tal-2022 bdew ukoll diskussjonijiet biex il-Kamra tikkolabora mal-organizzaturi tal-MARE Summit. Permezz ta' din il-kollaborazzjoni is-settur tal-kostruzzjoni u l-propjeta mmobiljari Għawdxi se jiġi diskuss b'mod speċifiku f'din il-konferenza.

# 10. L-Aċċessibilta

L-Aċċessibilita tibqa' dejjem fattur kruċjali għal Għawdex.Is-sena 2022 immarkat b'mod kemm pożittiv kif ukoll negattiv din it-tema, li tibqa' dejjem wieħed mis-suġġetti prinċipali li taħdem fuqhom il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex.

Fl-20 ta' Ġunju il-Kap Eżekuttiv Daniel Borg ntalab jagħti preżentazzjoni fil-Kumitat Permanenti tal-Affarijiet ta'Għawdex fil-Parlament dwar is-servizz tal-fast ferry. Fl-intervent tiegħu għalkemm saħaq li dan is-servizz kellu impatt pożittiv, irrimarka wkoll dwar numru ta' nuqqasijiet speċifikament: (a) li n-numru ta' servizzi naqsu minn meta dan is-servizz ġie ntrodott; (b) li ċertu elementi pożittivi bħal Tal-Linja card ġew imneħħijin; u (c) li s-servizz għadda minn sitwazzjoni ta' kompetizzjoni estrema, għal sitwazzjoni ta' kważi monopolju. Irrimarka wkoll li l-operaturi mhux qed jisfruttaw il-potenzjal kollu tas-servizz u li għalhekk ma hemmx trasparenza jekk il-quddiem se jintalab kumpens biex jiġu offruti ċerti servizzi.




Fil-11 ta' Ottubru, wara editorjal li deher fuq The Times of Malta (6 ta' Ottubru), dan l-istess ġurnal ippublika artiklu ta' Daniel Borg 'Essential or Desirable'. F'dan l-artiklu ġie nnotat kif is-servizz tal-fast ferry bejn Għawdex u Malta huwa wieħed essenzjali u li jaqbel mal-miri hekk kif proposti mill-Unjoni Ewropeja favur is-sustainable mobility.

Matul din is-sena wkoll l-Awtorita' għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex ippublikat konsultazzjoni wkoll fuq il-Gozo Rural Airfield. Il-Kamra pparteċipat attivament f'dan il-proċess ta' konsultazzjoni u tat ukoll ir-rispons tagħha bil-miktub għal din il-konsultazzjoni.

## 11. Sotto Kumitat għall-Propjeta Immobiljari

Ft-23 ta' Settembru reġa' ltaqa' is-sotto kumitat dwar il-propjeta mmobiljari. Matul din il-laqgħa Jan Luca Gatt ta preżentazzjoni dwar is-settur ibbażata fuq statistika maħruġa mill-NSO.




Fl-10 ta' Novembru l-membri tas-sotto kumitat tal-propjeta mmobiljari flimkien mal-Kap Eżekuttiv tal-Kamra Daniel Borg, ltaqgħu mal-Ministru responsabbli mis-settur l-Onorevoli Stefan Zrinzo Azzopardi, Carlos Tabone, is-Segretarju Permanenti, u Joseph Deguara, il-Kap tar-Real Estate Licensing Unit.



Matul din il-laqgħa ġew diskussi il-mankanzi fil-qafas leġiżlattiv. Saru wkoll suġġerimenti ta' kif dawn il-mankanziji jistgħu jiġu ndirizzati u kif jista' jkun hemm iktar trasparenza fis-settur. Din il-laqgħa kienet preċeduta minn dokument iffurmulat mill-Kamra li fih elenkat it-tibdiliet neċessarji.

# 12. L-Iżvilupp f'Għawdex

Din hija tema li l-Kamra kompliet tiddiskuti f'diversi fora filwaqt li uriet l-inkwiet tagħha, li l-ekonomija ta' Għawdex tiddependi wisq fuq setturi bħal kostruzzjoni u s-settur immobiljari. Dawn is-setturi jikkontribwixxu kważi d-doppju tal-valur gross domestiku miżjud meta mqabbel mal-gżira ta' Malta. Il-Kamra kompliet ittenni l-bżonn li Għawdex jiddiversifika l-ekonomija tiegħu imma wkoll li jħares l-ambjent li huwa wieħed mill-fatturi li jattira n-nies lejn Għawdex. Huwa ta' sodisfazzjoni għall-Kamra tinnota il-ħidma ta' diversi entitajiet f'dan il-qasam.Il-Kamra se tkompli taħdem flimkien ma' entitajiet oħra biex tiġi żviluppata politika reġjonali fil-qasam tal-ippjanar.



# 13. Is-Sostenibilta' fit-Trasport

Matul l-2022 il-Kamra pparteċipat f'diversi laqgħat ta' informazzjoni u konsultazzjoni fuq is-sostenibilta' fit-trasport. Il-Kamra temmen bis-sħiħ li Għawdex jista' jilħaq il-miri ambjentali u jkollu mpatt newtrali fuq il-klima, qabel Malta. Għal dan il-għan il-Kamra ntalbet mill-Fundazzjoni għat-Trasport biex tiffaċilita id-diskussjoni f' Għawdex.

L-ewwel Sustainable Mobility Forum sar fil-25 ta' Novembru 2022. Għal dan il-Forum ġew mistiedna l-istakeholders prinċipali Għawdxin. F'din l-ewwel laqgħa li fiha kienet preżenti wkoll Dr Jeannette Axisa, id-Direttur Ġenerali tal-Fundazzjoni, l-istakeholders kellhom l-opportunita li jippreżentaw il-ħidma tagħhom f'dan il-qasam. Ħarġu wkoll diversi temi li se jiġu ttrattati fl-2023.

# 14. INSULEUR

Għal sena oħra il-Kamra kellha l-presidenza tal-INSULEUR. Dan kien jorbot miegħu numru ta' impenji:

- Fil-25 ta' April Joseph Borg bħala President tal-INSULEUR kien parti minn panel fl-Island Finance Forum. Din kienet konferenza li seħħet fuq medda ta' tlett ijiem. Joseph Borg ipparteċipa f'sessjoni li kienet titratta kif il-Kmamar tal-Kummerċ fil-gżejjer jistgħu jkunu promoturi tas-sostenibilta. Fl-intervent tiegħu hu sostna kif il-Kmamar tan-Negozju jistgħu jkunu mhux biss interlokuturi tajbin mal-istituzzjonijiet, imma jistgħu huma stess jiġġeneraw idejat biex jaraw li l-iżvilupp li jseħħ ikun wieħed sostenibbli.

- Fid-29 ta' April Joseph Borg u Michael Galea ipparteċipaw fl-Assembleja Ġenerali ta' Eurochambres li saret fi Brussell.






- Fit-23 ta' Mejju Joseph Borg (President tal-INSULEUR), Michael Galea (Viċi President tal-INSULEUR), u Daniel Borg (Kumitat Tekniku) ipparteċipaw fl-Assembleja Ġenerali tal-INSULEUR, u Public Hearing organizzat mill-INSULEUR flimkien mal- Kumitat Ekonomiku u Soċjali tal-Unjoni Ewropeja bit-tema 'Cohesion Policy as a Tool to Boost and support Entrepreneurship on Islands'. Waqt l-assembleja ġenerali il-mandat mogħti lill-Kamra tan-Negozju għal Għawdex fil-Presidenza ta' din organizzazjoni, ġie estiż b'sena oħra. Ġew approvati wkoll żewġ membri oħra ġodda f'din l-istess organizzazjoni.L-Assembleja Ġenerali ġiet immexxija minn Joseph Borg.

Joseph Borg indirizza il-Konferenza dwar il-Politika ta' Koeżjoni flimkien ma' Stefano Mallia, President tal-Employers Group fi ħdan il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali tal-Unjoni Ewropeja, Eleftherios Kechagioglou (President tal-Greek Small Islands Network), il-Membru Parlamentari Ewropej Josianne Cutajar, Claudia Guzzon (Segretarja Eżekuttiva tal-Conference of Peripheral Maritime Regions), Vicent Leiner (DG Regio), Marie Antoinette Maupertuis (President tar-Reġjun ta' Korsika), u Ioannis Vardakastanis (Viċi President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew).






- Nhar is-27 ta' Mejju l-President tal-Kamra Joseph Borg inidirizza konferenza li saret fis-Salini Resort bħala part mill-proġett COMPOSE plus li fiha qed jipparteċipa l-INSULEUR flimkien mal-Assoċjazzjoni Maltija tal-Kunsilli Lokali.L-għan ta' dan il-proġett huwa li joħloq għodod għal min ifassal il-politika u kif ukoll għal dawk il-kumpaniji żgħar u medji biex ikunu jistgħu ifasslu proġetti relatati mat-transizzjoni għall-enerġija iktar nadifa. Waqt l-intervent tiegħu Joseph Borg saħaq dwar l-importanza li l-gżejjer iżommu ruħhom aġġornati mat-teknoloġiji ġodda li qed jiżviluppaw. F'dan l-aspett il-gżejjer għandhom potenzjal qawwi minħabba li joffru ambjent idejali fejn dawn it-teknoloġiji jkunu jistgħu jiġu ttestjati.

- Bejn il-5 u s-6 ta' Settembru Joseph Borg attenda għall-laqgħa tal-Affiliated u Correspondent Members fi ħdan Eurochambres fit-Turkija. Minbarra l-problemi li qed jaffaċċja n-negozju, speċjalment wara l-pandemija tal-COVID-19, ġew diskussi temi oħrajn bħall-problemi relatati mas-supply chain li kompliet tiġi aggravata minħabba l-gwerra fl-Ukrajna, u t-taxxa proposta mill-Kummissjoni Ewropeja fuq il-fuel tal-avjazzjoni u s-settur marittimu.

- Bejn it-30 ta’ Novembru u t-2 ta’ Diċembru Joseph Borg, Michael Galea u Daniel Borg ipparteċipaw fl-Assembleja Ġenerali tal-INSULEUR u fil-Konferenza rigward it-turiżmu fil-gżejjer. Joseph Borg ta rendikont tal-attivitajiet tiegħu bħala President tal-INSULEUR. Matul il-laqgħa Daniel Borg ippreżenta l-pożizzjoni tal-INSULEUR fuq iż-żieda fit-taxxa proposta mill-Kummissjoni Ewropeja fuq il-fuel tal-avjazzjoni u dak marittimu. Din il-paper li ġiet formulata minn Irene Mikelis u Daniel Borg ntbagħtet lill-Presidenza tal-Kunsill tal-Ewropa tar-Repubblika Ċeka, kif ukoll lil Ben Butters, il-Kap Eżekuttiv ta’ Eurochambres. Din il-pożizzjoni ġiet diskussa wkoll waqt il-laqgħa tal-ECOFIN (Il-Ministri tal-Finanzi tal-Unjoni Ewropeja) tas-6 ta’ Diċembru.Il-Greċja ħadet pożizzjoni qawwija li ġiet issaportjata wkoll mill-Gvern Malti.

  Matul l-Assembleja Ġenerali tal-INSULEUR Michael Galea (Viċi President tal-INSULEUR) għamel intervent fuq is-sitwazzjoni ekonomika f’Għawdex. Fl-1 u t-2 ta’ Diċembru, Joseph Borg, Daniel Borg, u Michael Galea ipparteċipaw ukoll fil-konferenza organizzata mill-Gvern tal-Gran Canaria rigward il-European Tourism Islands Convention. L-INSULEUR matul din il-konferenza organizza wkoll panel ta’ diskussjoni dwar ‘Monitoring the European Transition Pathway for Tourism’.





Minbarra attendenza f’laqgħat ix-xogħol tal-INSULEUR kien jirrikjedi wkoll diversi xogħol ta’ korrispondenza, analiżi ta’ dokumenti, u kordinazzjoni ta’ diversi ħidmiet li lkoll tmexxew fi ħdan l-uffiċċju tal-istess Kamra.

# 15. EUROPE DIRECT

Matul is-sena saru l-attivitajiet kollha previsti mill-kuntratt u skont il-miri tal-Kummissjoni Ewropeja. Din kienet sena mportanti hekk kif matul din is-sena sar ir-reklutaġġ tal-maniġer il-ġdid tal-EUROPE DIRECT Jesmond Buttigieg.

B'kollox saru dawn l-attivitajiet:

- Fl-24 ta' Frar ġiet organizzata flimkien ma' SEM Valletta diskussjoni pubblika fl-iskola Primarja tax-Xewkija dwar l-Ewropa li nixtiequ.Dawn kienu parti mid-diskussjonijiet pubbliċi organizzati dwar il-Konferenza tal-Futur tal-Unjoni Ewropeja.




- Fit-23 ta' Marzu sar webinar dwar opportunitajiet ta' karrieri fis-settur diġitali speċifikament fuq 'Building Management Solutions'. Il-kelliema prinċipali kienu Anthony Callus f'isem l-MCAST li tkellem dwar opportunitajiet ta' taħriġ offruti mill-MCAST fuq l-oqsma diġitali, u Ruben Curmi minn Harbour Solutions li tkellem dwar Building Management Solutions u l-opportunitajiet li jeżistu f'dan il-qasam.




- Fit-28 ta' April sar webinar f'kollaborazzjoni mal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex bit-tema 'Is Carbon Free Transport Possible for Gozo? The Contribution of the Business Sector.'

- Fid-29 ta' April l-MEP Josianne Cutajar ġiet mistiedna tagħmel vista formali fis-Sixth Form ta' Għawdex bħala parti mil-Back to School Activities organizzati mill-EUROPE DIRECT. L-għan ta' din il-viżta kienet li l-istudenti jiltaqgħu ma' persuna li taħdem fl-istituzzjonijiet Ewropej u li bħalhom kienet tattendi l-istess skola.






- Fit-9 ta' Mejju Daniel Borg ta preżentazzjoni lill-studenti tas-Seminarju Minuri flimkien ma' studenti mir-Repubblika Ċeka, Spanja u d-Danimarka li kienu qed jipparteċipaw fuq proġett tal-Erasmus.

- Attivitajiet relatati ma' Europe Day. Fit-13 ta' Mejju sar Business Breakfast fuq Next Generation.eu li kien jitratta il-pjan ta' Rkupru u Reżiljenza imniedi mill-Unjoni Ewropeja. Theresa Zahra (Acting Head tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni Ewropeja hawn Malta), Dr Mario Sammut (Kap tal-European Parliament Liaison Office) u l-Onorevoli Dr Chris Bonnett (Segretarju Parlamentari responsabbli mill-fondi Ewropej) indirizzaw lil dawk preżenti. Il-preżentazzjonijiet prinċipali saru minn Luca Aguzzoni minn naħa tal-Kummissjoni Ewropeja li tratta l-faċilita ta' rkupru u reżiljenza b'mod internazzjonali, u Maria Pace, Direttur Ġenerali, fi ħdan il-Ministeru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej, u Artijiet li trattat il-pjan ta' rkupru u reżiljenza fuq livell nazzjonali. Wara kien hemm diskussjoni fejn fiha ħadu sehem Paul Zahra (Segretarju Permanenti responsabbli mill-Fondi Ewropej), Joe Muscat (Viċi Chair tal-Kumitat Reġjonali għal Għawdex), Mario Borg (Kap Eżekuttiv tal-Awtorita għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex) u Steve Ellul (Policy Advisor minn naħa tal-Gvern). Ir-rispons għal din l-attivita kien wieħed tajjeb ħafna.






F’dik l-istess ġurnata ġiet organizzata wkoll il-‘Youth4Climate Change’. L-iskop ta’ dan l-avveniment kienet li ż-żgħażagħ stess jiddiskutu t-tibdil fil-klima u l-impatt fil-komunitajiet tagħhom, u kif ukoll is-soluzzjonijiet. Dan l-avveniment ġie rikonoxxut wkoll bħala parti mill-attivitajiet tal-European Year of Youth u ġie organizzat f’kollaborazzjoni ma’ Aġenzija Żgħażagħ u l-Awtorita’ għall-Iżvilupp Reġjonali ta’ Għawdex.






- Bejn it-30 ta’ Mejju u t-2 ta’ Ġunju Daniel Borg ipparteċipa fl-Assembleja Ġenerali tal-uffiċċji tal-EUROPE DIRECT f’Milan. Din l-assembleja trattat it-temi li għandhom jiġu nklużi fil-pjani ta’ ħidma tal-uffiċċji tal-EUROPE DIRECT. Kien hemm ukoll diversi workshops fuq aspetti partikolari, u kif l-uffiċċji tal-EUROPE DIECT iridu jindirizzawhom.



- Matul is-sajf l-uffiċċju tal-EUROPE DIRECT, flimkien ma’ Servizzi Ewropej f’Malta taw numru ta’ preżentazzjonijiet fi skejjel madwar Għawdex bħala parti mill-inizjattiva ta’ Skola Sajf.

- Fis-7 ta’ Ottubru Jesmond Buttigieg u Jan Luca Gatt ħadu sehem fl-Open Day tas-6th Form fejn qassmu pubblikazzjonijiet u materjal ieħor lill-istudenti, sabiex jippromwovu l-operat kemm tal-EUROPE DIRECT f’Għawdex u anke tal-Kamra tan-Negozju għal Ghawdex.



- Bejn it-12 u l-14 ta’ Ottubru Jesmond Buttigieg mar Brussels bħala parti minn testing panels, li ddiskutew il-publikazzjonijiet tal-EU, li jintużaw kemm fi skejjel primarji kif ukoll sekondarji. L-iskop hu li dawn il-publikazzjonijiet ikunu ta interess, fejn l-istudent ikun jista jinforma ruħu rigward xi tfisser għalih u għal pajjiżu l-Unjoni Ewropeja.

- Fit-13 u l-14 ta’ Ottubru ġiet imnedija l-Air Quality Campaign. Permezz ta’ din il-kampanja 11-il skola f’Għawdex ġew mogħtija apparat li permezz tiegħu se jkunu qed ikejlu n-nitrogen dioxide (NO2) li huwa kkawżat mit-traffiku u jirrapportaw ukoll dwar it-temp. L-iskejjel se jkunu qed jippreżentaw ir-riżultati tagħhom waqt Science Fair li ħa ssir bħala parti mill-attivitajiet relatati ma’ EUROPE DAY matul din is-sena.





- Fl-14 ta' Novembru f’kollaborazzjoni mar-Reġjun Għawdex u 6th Form, ġiet organizzata sessjoni ta' informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea u l-Kumitat tar-Reġjuni. Din is-sessjoni kienet indirizzata minn Dr Samuel Azzopardi, President tal-Kunsill Reġjonali Għawdex, Jesmond Buttigieg, maniġer EUROPE DIRECT Għawdex u Jan Luca Gatt.



- F'kollaborazzjoni ma' Nature Trust – FEE Malta, u bħala parti wkoll mill-programmi ta' Eko Skola u Leaf saret iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premijiet marbutin mal-proġetti li ġew sottomessi mill-iskejjel. Iċ-ċerimonja seħħet fit-12 ta' Diċembru u seba' skejjel ingħataw premijiet għall-proġetti li ppreżentaw. Iċ-ċerimonja ġiet indirizzata minn Jesmond Buttigieg, Vincent Attard President Eżekuttiv ta' Nature Trust, Charmaine Borg Manager BOV, u s-sur Martins Zemitis mill-Kummissjoni Ewropeja




L-uffiċċju tal-EUROPE DIRECT ikkollabora wkoll mal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex fuq ir-raba' edizzjoni tal-Youth4Entrepreneurship Gozo.

Minbarra dawn l-attivitajiet l-uffiċċju tal-EUROPE DIRECT ipparteċipa f'diversi sessjonijiet ta' informazzjoni onlajn organizzati mill-istituzzjonijiet Ewropej, minbarra li jaqdi r-rwol tiegħu li jirrispondi kull tip ta' mistoqsija relatata mal-Unjoni Ewropeja.

Ir-rwol tal-EUROPE DIRECT fi ħdan il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex juri l-impenn tal-Kamra għall-inizjattivi favur is-soċjeta Għawdxija.

## 16. Pjattaforma Diġitali u Użu tal-Midja Soċjali

Din is-sena tkompliet il-ħidma li nbdiet fl-2019 f'dik li hi l-pjattaforma diġitali u l-użu tal-midja soċjali. Il-Kamra qegħda preżenti fuq erba' pjattaformi soċjali: Facebook, Linkedin, Twitter, u Instagram. Fl-2021, ġiet imnedija il- paġna tal-Kamra ta' Instagram. F'sena ġew milħuqa 122 follower, fuq din il-pjattaforma soċjali, fejn b'kollox ġew imtellgħin 34 post. Instagram huwa l-midja soċjali li jużaw l-iktar iż-żgħażagħ. Għalhekk huwa importanti li l-Kamra tkun preżenti wkoll fuq din il-pjattaforma biex fuqha ssir il-promozzjoni ta' attivitajiet li jolqtu din il-kategorija.

Matul din is-sena nfatti kellna 119 likes ġodda fuq il-paġna tagħna ta' Facebook, kif ukoll in-numru ta' engagements mal-posts tagħna kienu ta' 9,576. Engagement ifisser li l-persuna tagħmel like, comment, jew share ta' kwalunkwe post li tittella' fuq il-Facebook tal-GBC. Matul din is-sena tellajna 189 post gdid fuq Facbeook. Bħala

Facebook Page Reach kellna 64,679, zieda ta 6.9% fuq l-2021. Facebook Page Reach tfisser kemm il-persuna żaru l-paġna tagħna. L-Impressions, jiġifieri d-drabi li l-kontenut tal-paġna tagħna deher fuq l-iscreen tal-persuni, kien ta' 175,669.

## 17. Ringrazzjamenti

Il-Kamra tixtieq tirringrazzja b'mod speċjali lil dawk il-persuni li jiffurmaw il-Kunsill, għax-xogħol u l-ħin li jagħtu biex il-Kamra tan-Negozju għal Għawdex tkun tista' timxi 'l quddiem.

Il-grazzi tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex tmur ukoll:

- lill-Prim Ministru u d-diversi Ministri li kellna kuntatt magħhom matul is-sena u li dejjem sabu ħin u taw widen għall-proposti u s-suġġerimenti mresqa mill-Kamra, u lill-Ministru għal Għawdex l-Onorevoli Perit Clint Camilleri;
- lill-Membri Parlamentari kollha Għawdxin;
- lill-isponsors tal-Kamra, il-Bank of Valletta u Melita plc;
- lil Joe Cordina, l-Awditur tal-Kamra;
- lil John Borg, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex;
- lil Ronald Sultana, Direttur, fid-Direttorat tat-Turiżmu u Żvilupp Ekonomiku;
- lill-istaff kollu tal-Kamra għax-xogħol siewi li jagħmlu;
- kif ukoll lill-membri tal-Kamra għall-kooperazzjoni tagħhom u l-fiduċja li juru fina.



Daniel Borg
Kap Eżekuttiv tal-Kamra tan-Negozju għal Għawdex